**13 ta' Ġunju, 1994**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Joseph Aquilina

*versus*

Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Aġent Reġistratur tal-Qrati, u b'digriet tas-6 ta' Awissu, 1992, il-Prim Ministru u l-Avukat Ġenerali tar-Repubblika, imsejħin fil-kawża

**Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Libertà**

*Ir-rikorrent kien ġie mressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Huwa llamenta b'lentezza fil-mod kif ġiet ittrattata l-applikazzjoni tiegħu għal-libertà provviżorja u allega li ġie vvjolat id-dritt tiegħu għal-libertà personali. Il-Prim'Awla sabet li kien hemm vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrent u akkordatlu kumpens nominali. Il-Qorti Kostituzzjonali rrevokat.*

*Biex arrest jilledi d-drittijiet fundamentali tal-bniedem irid ikun hemm fatti li juru li tali arrest kien sar mingħajr suspett raġonevoli. Il-fatt biss li l-applikazzjoni għal-libertà provviżorja tkun damet 24 siegħa biex tiġi pproċessata ma jwassalx għall-ksur tad-dritt fundamentali ta' dik il-persuna.*

Il-Qorti: –

1. Joseph Aquilina ppreżenta rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fejn qal illi fit-22 ta' Lulju, 1992, ġie mressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u wara li ġie akkużat bir-reati minnu allegatament kommessi, mill-Ispettur tal-Pulizija inkarigat, huwa għamel rikors biex jottjeni l-libertà provviżorja. Ir-rikors intbagħat għand l-Avukat Ġenerali, l-għada;

2. Fir-rikors ma jissemmewx ir-reati li bihom ġie mixli r-rikorrent. Dawn però jirriżultaw minn dokument esebit – *niente di meno* fil-21 ta' Jannar, 1993 – dokument KUMP; liema reati b'dan kollu, kienu ta' rilevanza u vitalità għall-konsiderazzjoni tal-konċessjoni tal-libertà provviżorja. Ir-reat

prinċipali li bih ġie mixli r-rikorrent kien illi:

"b'għemil żieni, ikkorrompa persuna ta' taħt l-età, Vanessa Mifsud ta' 15-il sena...";

u dan f'post pubbliku;

L-imputazzjoni kienet imbagħad tikkomprendi wkoll, kif allegat mill-Avukat Ġenerali fir-risposta tiegħu għat-talba għal-libertà provviżorja illi:

"...il-korruzzjoni...kienet preċeduta u akkompanjata b'theddid gravi...";

3. Minn dawn il-fatti, ir-rikorrent ikkonkluda illi b'din il-proċedura l-Maġistrat li ordna l-arrest tiegħu ma kellu ebda prova quddiemu ħlief l-akkuża ġuramentata ta' l-Ispettur, u ma setax jikkonċedi l-libertà provviżorja għaliex ried jistenna r-risposta ta' l-Avukat Ġenerali. In-notifika lill-Avukat Ġenerali, mill-Aġent Reġistratur, ma saritx, dak inhar tar-rikors, iżda l-għada;

4. Din il-lentezza ta' l-Aġent-Reġistratur tal-Qorti biex jinnotifika lill-Avukat Ġenerali rritardat ir-risposta ta' l-Avukat Ġenerali u tawlet illegalment il-proċedura għaliex il-Maġistrat irid jikkonsidra dik ir-risposta, qabel ma jiddeċidi fuq it-talba;

5. Għalhekk (a) il-lentezza ta' l-Aġent-Reġistratur, u (b) l-esiġenza tal-liġi li jiġi nnotifikat l-Avukat Ġenerali u li jagħti risposta, jikkostitwixxu vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrent garantit mill-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, u konsegwentement talab ir-rimedji

kollha li l-każ jitlob;

6(a) Il-Kummissarju tal-Pulizija espona illi xejn ma huwa qed jiġi allegat kontra tiegħu u għalhekk għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

(b) L-Aġent-Reġistratur, min-naħa tiegħu, issottometta li ma hemm l-ebda vjolazzjoni fil-fatti msemmija u l-Qorti hija invitata biex skond il-*proviso* ta' l-art. 4(2) ta' l-Att XIV ta' l-1987 tirrijuta li teżerċita s-setgħat tagħha;

7. L-Onorevoli Prim'Awla fil-25 ta' Novembru, 1993, iddeċidiet ir-rikors u qalet:

"Il-partijiet jaqblu li Joseph Aquilina kien ġie miżmum għalbiex jiġi interrogat mill-Pulizija u fit-22 ta' Lulju, 1992, għall-ħabta tal-ħdax ta' fl-għodu, ġie ppreżentat taħt arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta mixli b'reati kriminali soġġetti flimkien għal piena ta' aktar minn tliet snin priġunerija; wara ftit li r-rapport kien ġie kkonfermat bil-ġurament mill-ispettur, Aquilina ppreżenta rikors għal-libertà provviżorja; il-Qorti ordnat il-komunika tar-rikors lill-Avukat Ġenerali li ngħata jumejn żmien għar-risposta; (it-22 ta' Lulju, 1992 kienet ġurnata ta' l-Erbgħa); ir-rikors ġie nnotifikat fit-23 ta' Lulju, 1992, għall-ħabta ta' nofs-in-nhar, u r-risposta, oppożitorja għat-talba, ġiet ippreżentata l-għada; (il-partijiet jaqblu illi r-risposta saret fi żmien ta' anqas minn erbgħa u għoxrin siegħa wara n-notifika). Il-Qorti dak in-nhar stess, irriservat li tipprovdi dwar it-talba "fi stadju ulterjuri". Sat-30 ta' Lulju, 1992, (il-ġurnata destinata għas-smigħ tal-preżenti rikors) ċerta Vanessa, il-persuna allegatament milquta bir-reat, kienet għadha ma xehditx u Joseph Aquilina kien għadu arrestat; id-digriet ta' libertà provviżorja

ħareġ fil-31 ta' Lulju, 1992, wara li spiċċat tagħti x-xiehda tagħha l-istess Vanessa;

Dan ifisser illi bejn il-mument li Aquilina ġie pprezentat il-Qorti taħt arrest u dak ta' l-għoti tal-libertà provviżorja laħqu għaddew aktar minn disgħat ijiem; wieħed irid iżomm quddiem għajnejh ukoll illi qabel ma nbdew il-proċedimenti Aquilina kien miżmum għall-interrogazzjoni;

L-ilment tar-rikorrent ma jirriferix għaż-żmien ta' qbael ma nbdew il-proċedimenti; huwa jidentifika żewġ kawżi li jwasslu għall-ksur tad-dritt tiegħu għal-libertà personali; l-ewwel waħda, id-disposizzjoni tal-liġi li trid li rikors għal-libertà provviżorja tax-xorta ta' dak ippreżentat minnu għandu jiġi nnotifikat lill-Avukat Ġenerali biex dan jagħti r-risposta tiegħu għalih, u t-tieni, id-dewmien sakemm ġie nnotifikat bir-rikors l-Avukat Ġenerali;

Fil-każ tallum kien hemm jumejn bejn ir-rikors u r-risposta; l-Avukat Ġenerali kien pront jibgħat ir-risposta tiegħu bil-miktub u qabel ma laħqu għaddew il-"jumejn żmien" lilu mogħtija fl-ordni tal-Maġistrat għan-notifika;

L-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja, invokat mir-rikorrent, irid (fost ħwejjeġ oħra) illi kull min ikun ġie miġjub quddiem qorti mixli b'reat kriminali "jkollu dritt għal proċeduri fi żmien raġonevoli jew għall-ħelsien waqt pendenza tal-proċeduri";

Il-Qorti tibda biex tgħid illi fil-każ tallum ir-rikorrent m'huwiex jilmenta illi l-proċeduri ma kinux qegħdin jieħdu "żmien raġonevoli" minħabba l-fatt li l-Maġistrat ta lill-Avukat

Ġenerali żmien għar-risposta tiegħu għar-rikors tal-libertà provviżorja itwal minn dak li l-Kodiċi Kriminali jsemmi fl-artikolu 575(3) fejn jingħad "mhux aktar tard mill-jum tax-xogħol ta' wara". Hawn, kif ġà ntqal, hemm attakkati kemm id-disposizzjoni tal-liġi in kwantu n-notifika tat-talba għall-ħelsien provviżorju mill-arrest tiehu ż-żmien tagħha, kif ukoll id-dewmien li din in-notifika ħadet biex saret;

Fil-kompitu li għandha l-Qorti b'ebda mod ma għandha tidħol fuq il-mertu tad-digriet ta' l-24 ta' Lulju, 1992, fejn il-Qorti żammet għaliha riserva "li tipprovdi fi stadju ulterjuri" fuq it-talba għall-ħelsien, fuq il-mertu tat-talba nnifisha u fuq il-proċeduri ta' wara sa ma waslet biex, fil-31 ta' Lulju, 1992, intlaqgħet it-talba ta' Aquilina għal-libertà provviżorja;

1. **Dwar dewmien li ġġib id-disposizzjoni ta' l-artikolu 575(3) tal-Kodiċi Kriminali**;

Illi l-artikolu 575(2) u (3) jipprovdi kif ġej:

(2) "It-talba għall-ħelsien mill-arrest għandha ssir b'rikors, u għandha tkun ikkomunikata lill-Avukat Ġenerali dak in-nhar stess b'kopja ta' l-istess rikors, kull meta tkun magħmula minn:

(a) *omissis;*

(b) *omissis;*

(ċ) imputati ta' delitti suġġetti għall-piena ta' aktar minn tliet snin priġunerija .....*omissis";*

(3) "L-Avukat Ġenerali jista', mhux aktar tard mill-jum

tax-xogħol ta' wara, b'nota, jopponi t-talba, u fiha jagħti r-raġunijiet ta' l-opposizzjoni tiegħu'';

Din id-disposizzjoni tista' f'ċerti każi ġġib illi sabiex **biss** tiġi r-risposta ta' l-Avukat Ġenerali jilħqu jgħaddu aktar minn tmienja u erbgħin siegħa;

Il-Qorti tifhem illi l-Avukat Ġenerali, uffiċjal pubbliku sensittiv ħafna għad-drittijiet ta' imputati u akkużati, m'huwiex sejjer jieħu żmien biex jibgħat ir-risposta tiegħu għar-rikors ta' libertà provviżorja aktar milli għandu bżonn. Però l-limitu ta' żmien li l-liġi tippermettilu għar-risposta tiegħu, dejjem jista' jnaqqas, u jista' xi minn daqqiet ixejjen, is-saħħa ta' dawk id-disposizzjonijiet kollha ta' l-istess liġi li jimmiraw biex jiżguraw li kull min ma jkunx qiegħed igawdi mid-dritt tiegħu għal-libertà personali (sew jekk ikun miżmum biex jiġi interrogat mill-awtorità kompetenti, kif ukoll jekk ikun imputat jew akkużat, ma jibqax miżmum għal żmien itwal milli hu strettament bżonnjuż għalbiex il-ġustizzja tkun tista' ssir kif għandha ssir, biżżejjed wieħed iħares lejn l-artikolu 34(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta fejn jissemma illi kull min jiġi arrestat jew detenut sabiex jinġieb quddiem qorti fl-esekuzzjoni ta' l-ordni tal-Qorti, jew fuq suspett raġonevoli li jkun ikkommetta, jew li jkun sejjer jikkommetti, reat kriminali, u li ma jiġix meħlus, għandu jinġieb quddiem Qorti mhux aktar tard minn tmienja u erbgħin siegħa wara; u biżżejjed jiġi osservat illi l-Konvenzjoni Ewropeja fl-artikolu 5(3) taddotta l-kelma ''minnufih'' biex persuna arrestata jew detenuta fl-istess ċirkostanzi appena msemmijin titressaq quddiem imħallef jew funzjonarju ieħor awtorizzat b'liġi biex jeżerċita setgħa ġudizzjarja'';

Fil-fehma tal-Qorti r-rikors għal-libertà provviżorja għandu

jiġi nnotifikat minnufih lill-Avukat Generali; iż-żmien għar-risposta għandu jkun wieħed li jobbliga lill-Avukat Ġenerali illi jikkunsidra t-talba mill-iktar fis possibbli malli ssir in-notifika tar-rikors u li ma jaqbeż qatt dak li raġonevolment huwa meqjus biżżejjed biex tingħata r-risposta;

Id-disposizzjoni ta' l-artikolu 575(3) tidher li qiegħda tonqos milli tiftaħ biżżejjed it-triq sabiex ma jkunx hemm ikkawżat bla bżonn telfien ta' libertà personali għal dak li jinsab fl-istess ċirkostanzi li kien fihom Joseph Aquilina sakemm it-talba tiegħu għal-libertà setgħet tibda tiġi kkonsiderata mill-Qorti fuq il-merti tagħha;

F'għajnejn il-Qorti kif ikkostitwita talba għall-ħelsien minn arrest għandha tirċievi l-attenzjoni immedjata ta' dawk l-uffiċjali kollha tal-Qorti li b'xi mod jidħlu biex tiġi pproċessata; a parti mill-imħallef jew il-maġistrat li jkollu t-talba quddiemu, fl-ewwel lok u partikolarment, huwa mdaħħal ir-Reġistratur tal-Qrati u l-uffiċjali kollha addetti għall-istess ġudikanti; dawn fost dmijiret oħra li titfa' fuqhom il-liġi għandhom dak li jaraw li jimxu skond u taħt l-ordnijiet tal-Qorti. Jispetta mbagħad, skond 'il min ikun imiss il-każ, lil dawk l-uffiċjali kollha fl-Uffiċċju ta' l-Avukat Ġenerali u fid-Dipartiment tal-Pulizija, dawk tal-Ħabs Ċivili, dawk tad-Dipartiment tas-Saħħa jew tas-Servizzi Soċjali u kull uffiċjal pubbliku ieħor li b'kull mod ikollhom x'jaqsmu fil-proċessar u t-tmexxija tat-talba, li jagħmlu dak li hu mistenni minnhom mingħajr telf ta' żmien ta' xejn. Għal dak li jkun arrestat jistenna li tingħatalu libertà kull minuta żejda taħt arrest hija minuta mitlufa darba għal dejjem!;

Fil-każ tallum il-Qorti hi tal-fehma illi n-notifika tar-rikors ta' Joseph Aquilina għal-libertà provviżorja lill-Avukat Ġenerali

setgħet saret fi żmien ferm anqas milli fil-fatt ħadet; għal dan id-dewmien jirrispondi l-intimat Aġent Reġistratur tal-Qorti;

Meħud kollox in konsiderazzjoni, u partikolarment iż-żmien ta' mhux aktar minn tnax-il siegħa li ħadet biex saret in-notifika tar-rikors lill-Avukat Ġenerali, il-Qorti sejra tordna li jingħata kumpens nominali lir-rikorrent;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi mir-rikors billi:

1. Tiddikjara inkonsistenti l-imsemmija disposizzjonijiet ta' l-artikolu 535 tal-Kodiċi Kriminali ma' dawk li jirrigwardaw id-"dritt għall-ħelsien waqt pendenza tal-proċeduri" msemmija fl-artikolu 5(3) ta' l-Ewwel Skeda annessa ma' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja, in kwantu dawn id-disposizzjonijiet, fis-subartikolu (2) u (3) jonqsu li jipprovdu għall-konsiderazzjoni ħaffiefa tar-rikorsi għal-libertà provviżorja; l-ispejjeż ta' l-attur għal dan il-kap jitħallsu mill-imsejjaħ fil-kawża, il-Prim Ministru, li għandu wkoll ibati l-ispejjeż tiegħu; ir-rikorrent iħallas l-ispejjeż ta' l-intimat Aġent Reġistratur tal-Qorti; dawk ta' l-intimat Kummissarju tal-Pulizija u ta' l-imsejjaħ fil-kawża Avukat Ġenerali tar-Repubblika jibqgħu mingħajr taxxa;

2. Tiddikjara lill-intimat Aġent Reġistratur tal-Qorti responsabbli għall-ksur tad-"dritt għall-ħelsien waqt pendenza tal-proċeduri" protett taħt l-isemmi artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja; l-ispejjeż kollha għal dan il-kap jitħallsu mill-intimat Aġent Reġistratur tal-Qorti; u konsegwentement;

3. Tordna lill-intimat Aġent Reġistratur tal-Qorti jħallas lir-rikorrent Joseph Aquilina bħala kumpens rimedjali għall-ksur indikat taħt in-numru 2 tal-parti disposittiva ta' din is-sentenza,

is-somma ta' mitt lira Maltija (Lm100.00); l-ispejjeż kollha għal dan il-kap jitħallsu mill-intimat Aġent Reġistratur tal-Qorti";

8. L-intimati kollha, appellaw: (a) is-sentenza ma lliberatx il-Kummissarju tal-Pulizija mill-osservanza tal-ġudizzju allavolja xejn ma ġie allegat, wisq anqas ippruvat, kontra tiegħu; (b) il-liġi tiddistingwi bejn ir-reati li jiġu impurtati billi għal dawk li m'humiex gravi t-talba għal-libertà provviżorja tista' tintalab verbalment, u verbalment ukoll issir ir-risposta ta' l-uffiċjali prosekutur dak il-ħin stess; waqt li fil-każijiet serji jkun hemm proċedura skritta li però ma tiħux żmien li jista' jiġi kkunsidrat li mhux xieraq – kif din il-Qorti qalet fis-sentenza Nicholas Ellul *vs* Kummissarju tal-Pulizija tat-8 ta' Jannar, 1991; (ċ) jekk fil-każ preżenti l-Aġent Reġistratur kiser, il-provvedimenti ta' l-artikolu 575(2) Kap. 9 tant li b'hekk l-ewwel Qorti rravviżat xi forma ta' arrest illegali u b'hekk ikkundannatu li jħallas lir-rikorrent kumpens ta' mitt lira (Lm100), iżda però, qatt ma seta' kien hemm dan il-preżunt arrest illegali mill-Aġent Reġistratur "*stante* li Aquilina kien jinsab arrestat taħt l-awtorità tal-Qorti – sakemm il-Qorti u l-Aġent Reġistratur tal-Qorti m'humiex l-istess ħaġa";

9. Huwa utili li l-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni jiġi kkwotat bl-Ingliż – waħda, miż-żewġ lingwi uffiċjali/awtentiċi tal-Konvenzjoni:

*"Everyone arrested or detained in accordance with the provisions of paragraph 1(c) of this article shall be brought promptly before a judge or other officer authorized by law to exercise judicial power and shall be entitled to trial within a reasonable time* ***or to release pending trial****. Release may be conditioned by guarantee to appear for trial";*

10. Din il-Qorti - bir-rigward kollu għal dak li hemm fis-sentenza appellata - trid **mill-ewwel tenfasizza**, illi dak li jiggarantixxi dan l-artikolu huwa illi:

(a) Li meta persuna tiġi, minn xi awtorità, li mhix tribunal jew Qorti, arrestata, għandha tinġieb kemm jista' jkun malajr *(promptly)*, quddiem ġudikant (imparzjali u indipendenti) u;

(b) L-istess persuna hekk arrestata għandha d-dritt li (a) jew tiġi pproċessata fi żmien raġonevoli, (b) jew, fin-nuqqas, li tinħeles mill-arrest sakemm tiġi hekk ipproċessata;

Din il-Qorti ma fehmitx, sa mill-ewwel qari tar-rikors promotorju skond il-fatti **hemm** allegati, kif u b'liema mod, persuna arrestata u mressqa quddiem ġudikant (in konformità mal-garanzija konvenzjonali) fit-22 ta' Lulju, 1992, setgħet **qatt tillamenta, l-għada - 23 ta' Lulju, 1992**, li għaliex kienet għadha hekk, **arrestata**, b'ordni ta' l-istess ġudikant li quddiemu kienet dehret, b'daqshekk il-garanzija tal-konvenzjoni setgħet qatt tiġi raġonevolment ikkonsidrata, li b'xi mod, ma kinitx irrispettata;

Din il-Qorti assolutament ma tistax ma turix is-sorpriża profonda tagħha li l-garanzija konvenzjonali hawn fuq imsemmija paragrafu 9(b) setgħet qatt tiġi raġonevolment u bis-serjetà tittieħed li tfisser li l-**ħelsien mill-arrest ta' persuna li ġudikant ordna l-arrest tagħha** trid issir jekk mhux meta dan jista' **prudenzjalment** isir, wara li l-ġudikant jikkonsidra l-kwalità tar-reat, il-provi li għandhom isiru, u l-ispeditezza o *meno* li raġonevolment il-prosekuzzjoni għaddiet biex tipproduċi dawk il-provi, u meta **raġonevolment** wieħed jikkonsidra ż-żmien li fih dak li għandu jsir, isir, u mbagħad, jekk, kif tgħid il-

Konvenzjoni, ma jiġix effettivament u verament garantit li l-proċess ta' l-arrestat se jsir fi żmien raġonevoli, allura l-persuna arrestata għandha tingħata l-libertà provviżorja u tinħeles mill-arrest;

Il-pretensjoni tar-rikorrent, sa mill-bidu nett kienet illi **sa l-għada** li huwa ġie arrestat mill-ġudikant, huwa kellu, **skond il-garanzija konvenzjonali** fl-artikolu 5(3) jiġi *"released pending trial"*. Proposizzjoni bħal din – hekk kif inhi – kampata fuq konsiderazzjonijiet merament u sempliċement teoretiċi, hija irraġonevoli u inammissibbli – ammenocchè dak l-ordni ta' arrest ma jidhirx li kien sempliċement formali jew ritwali mingħajr ebda riskontri ta' fatti – jew riskontri li ma jistgħux jiġu kkunsidrati raġonevoli;

Ma kien hemm **allegat** xejn minn dawn l-eċċezzjonijiet abbużivi kkontemplati mill-Konvenzjoni, meta ġie pprezentat ir-rikors, l-għada ta' l-arrest ta' Joseph Aquilina, u strettament l-ewwel Qorti ma segħetx, allura, tikkunsidra r-rikors immedjatament u tiddeċidih. Il-liġi tipprovdi, x'għandu jsir f'każijiet, bħal dawn tar-rikorrenti. U hekk mexa l-ġudikant;

11. Ir-rikors – ippreżentat fit-23 ta' Lulju, 1992, ġie appuntat għas-smigħ għat-30 ta' Lulju, 1992. **Skond ir-*"ratio"* tas-sentenza appellata**, ikkonstatat il-kontenut tar-rikors, **allura,** l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, garanti tal-garanziji kostituzzjonali u konvenzjonali, f'materja bħal din, setgħet, jekk mhux kellha, tappunta r-rikors għas-smigħ immedjatament, u tiskarta dak li jipprovdi prudenzjalment il-Kodiċi Kriminali. Intant però, fit-30 ta' Lulju, 1992, innotat li r-rikorrenti ma kienx ġie nnotifikat bl-avviż tas-smigħ, u l-Qorti:

"...inkarigat lill-Aġent Reġistratur biex jindaga dwar dan in-nuqqas u jirrapporta lura *(sic)*";

u l-kawża ġiet differita għall-Ħamis, 6 ta' Awissu, 1992, fid-9.15 a.m. għat-trattazzjoni – data ta' differiment assolutament inġustifikat – skond dak li fuq l-istess *ratio* tas-sentenza appellata u l-proċeduri garantistiċi tal-Konvenzjoni, kif interpretati mir-rikorrent u l-ewwel Qorti. Liema rikorrent difatti aċċetta l-operat ta' l-ewwel Qorti u sab li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita l-konferma ta' din il-Qorti;

12. Ġara illi l-Maġistrat li kien assenjat biex jisma' u jirreġistra l-provi fil-kumpilazzjoni kontra r-rikorrent, **wara** li sema' u rreġistra x-xiehda tal-vittma tar-reat, Vanessa Mifsud, ikkonċeda l-libertà provviżorja fil-**31 ta' Lulju, 1992**, jiġifieri ġurnata wara l-ewwel appuntament għat-trattazzjoni tar-rikors mill-ewwel Qorti imma **ġimgħa qabel is-6 ta' Awissu, 1992**, it-tieni seduta ta' l-ewwel Qorti, meta sadanittant, ir-rikorrent kien ingħata l-libertà, u difatti, dak in-nhar, kull ma għamlet l-ewwel Qorti, kien li ordnat il-kjamata fil-kawża tal-Prim Ministru u ta' l-Avukat Ġenerali, u ddifferiet il-kawża għall-kontinwazzjoni għad-**9 ta' Ottubru, 1992**;

13. Fil-fehma ta' din il-Qorti għalhekk ġaladarba huwa manifest illi r-rikors fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa, minnu nnifsu, kien jindika li ma kienx ġustifikat, billi però fil-ġurnata ta' l-ewwel appuntament, ir-rikorrent kien għadu arrestat, allura l-Qorti setgħet tindaga, ġaladarba kellha r-rikors quddiemha, għaliex f'dik id-data, 30 ta' Lulju, 1992, ir-rikorrent kien għadu arrestat. Però l-għada, ir-rikorrent, ġie meħlus. L-indaġini tal-Qorti, **minħabba f'dawn il-fatti sussegwenti għall-preżentata tar-rikors** setgħet tgħaddi biex teżamina jekk dak l-arrest li dam

ġimgħa, kienx, **fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ**, ġustifikat jew le, raġonevoli jew le, imurx kontra l-garanzija konvenzjonali jew le. Iżda indaġini limitata għall-**fatti esposti** fir-rikors promotur ta' erbgħa u għoxrin siegħa, ma setgħetx raġonevolment u ġustament issib xi elementi li jwassluha biex tgħid li l-artikolu 575 tal-Kodiċi Kriminali m'huwiex konformi mal-Konvenzjoni Ewropeja;

14. Is-sentenza appellata ma fittxet ebda sostenn u konfort fil-ġurisprudenza la tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, li, naturalment, għandha tingħata attenzjoni u piż meta *si tratta* ta' interpretazzjoni tal-Konvenzjoni li ħolqot il-ġurisdizzjoni ta' l-istess Qorti, kif ukoll ta' dawn il-Qrati, li f'diversi okkażjonijiet eżaminaw, anki fit-tul u bir-reqqa, l-istitut tal-libertà provviżorja;

15. B'dan kollu però, ir-rikorrent, b'mod għal kollox inaċċettabbli, iżda ttollerat mill-ewwel Qorti, fid-9 ta' Novembru, 1992, b'nota esebixxa "kopja ta' **estratt** dwar is-sentenza Schiesser tal-Qorti Ewropeja" liema **estratt** jikkonsisti f'żewġ paġni ta' xi **ktieb** li jikkummenta, **fost ħwejjeġ oħra**, fuq dik is-sentenza, **riferibbilment għal xi kwistjonijiet oħra**. Dan sar għaliex ir-rikorrent ma setax "isib kopja integrali tas-sentenza Schiesser";

16. Ir-rikorrent fl-atti skritti tiegħu għamel, diversi drabi, riferenza għal din is-sentenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem ta' l-4 ta' Diċembru, 1979 *(Series A Vol. 34);*

Din is-sentenza, iżda, m'għandha x'taqsam assolutament xejn mal-punt ta' dan ir-rikors li jillamenta fuq it-tieni parti ta' l-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni – ara para. 10(b) – jiġifieri li

persuna arrestata għandha d-dritt li jew tiġi pproċessata fi żmien raġonevoli, jew li tinħeles mill-arrest sakemm tiġi hekk ipproċessata. Dik is-sentenza tirrigwarda l-ewwel parti ta' l-artikolu u eżaminat u rat, kellux.....raġun jew le Schiesser li jirritjeni li meta huwa ġie arrestat u mibgħut quddiem il-*"Winterthur District Attorney"* (il-każ ġara fl-Isvizzera) dan:

*".....cannot be regarded as an officer authorised by law to exercise judicial power" (ibid para. 24);*

*Mentri hawn, il-kwistjoni tirrigwarda t-tifsira ta' "or to release pending trial"*, ta' l-artikolu 5(3);

Dan il-paragrafu jista' jingħalaq b'nota marġinali. Fir-risposta tiegħu ta' l-14 ta' Mejju, 1993, ir-rikorrenti riferribilment għal dak li qalet din il-Qorti fis-sentenza tagħha tat-8 ta' Jannar, 1991, f'Nicholas Ellul *vs* Kummissarju tal-Pulizija (Vol. LXXV.I.1) kiteb hekk:

"Bir-rispett kollu, is-sentenza msemmija jidher li kienet ikkwotat is-*Schiesser Case* minn xi *"summary"* tagħha, u ma ħaditx in konsiderazzjoni l-paragrafi bażilari tagħha fejn stabbiliet il-kriterji";

Din il-Qorti tikkonfessa li f'dik is-sentenza ommettiet li tgħid minn fejn ġiebet dak li kkwotat. Però, kif **dejjem** tagħmel din il-Qorti, il-kwotazzjoni tagħha hija *"verbatim"* tal-paragrafu 38 tas-sentenza tal-Qorti Ewropeja, u kien ikun ħafna aktar prudenti u għaqli da parti tar-rikorrenti, (li *"ex admissis"* qatt ma ra b'għajnejh dik is-sentenza) jgħid li din il-Qorti rrikorriet u straħet fuq xi sommarju tagħha sempliċement, presumibbilment għaliex hekk għamel, huwa b'dak li esebixxa

fl-atti fid-9 ta' Novembru, 1992, – ara paragrafu 13 *supra;*

Din in-Nota responsiva tat-18 ta' Mejju, 1993, imbagħad ir-rikorrent qal illi:

"Illum qiegħed fil-posizzjoni li jesebixxi l-annessa kopja tal-paragrafu 31 ta' l-istess sentenza, kif ukoll id-"*dissenting opinion*" ta' wieħed mill-Imħallfin ta' dak iż-żmien. Wara dan sar President tal-Qorti Ewropeja u l-ġurisprudenza imxiet fuq il-linja ulterjuri ta' l-opinjoni espressa. (Fil-mertu, is-*Schiesser Case* ġie maqlub fil-*Huber Case)";*

Issa l-paragrafu 31 ta' dik is-sentenza **m'għandu x'jaqsam xejn mal-kwistjoni li għandha quddiemha l-Qorti**. Biżżejjed li tiġi kkwotata s-sentenza inizjali:

*"To sum up, the "officer" is not identical with the "judge" but must nevertheless have some of the latter's attributes, that is to say he must satisfy certain conditions each of which constitutes a guarantee for the person arrested";*

L-istess jingħad għall-parir kuntrarju ta' l-Imħallef Rolv Ryssdal, li difatti jikkonkludi favur il-vjolazzjoni ta' l-artikolu 5(3) f'dak il-każ għaliex:

*"The District Attorney's main task – that of prosecuting – is in my opinion incompatible with the judicial power under article 5(3) to take decisions as to detention on remand";*

Liema opinjoni, tista' anki tiġi kondiviża minn din il-Qorti anki għaliex fis-sistema tagħna, dik id-diviżjoni ta' funzjonijiet ilha teżisti almenu mill-1854, **iżda dan kollu m'għandu**

**x'jaqsam xejn ma' din il-kawża**;

Imma dan kollu, jiġi ripetut, m'għandu x'jaqsam xejn mal-kwistjoni, materja ta' din il-kawża;

17. Fil-każ preżenti, ir-rikorrenti jippretendi li dan l-artikolu tal-Kodiċi Kriminali, ikkwotat fis-sentenza appellata, jivvjola l-garanzija konvenzjonali favur akkużat li jiġi arrestat, meta ma jiġix jew ma jkunx ipproċessat fi żmien raġonevoli:

*"to release pending trial"*;

18. Safejn setgħet tara din il-Qorti, il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja hija flessibbli għar-rigward tal-kwistjoni taż-żmien li huwa kompatibbli mal-garanzija konvenzjonali għad-detenzjoni ta' l-imputat **wara** li jiġi ppreżentat quddiem ġudikant li difatti jieħu konjizzjoni tal-kwistjoni, u li jkollu l-kompetenza kriminali fil-perijodu li jippreċedi l-kawża vera u proprja;

Fis-sentenza tat-28 ta' Marzu 1990, fil-każ *B vs Austria,* il-Qorti Ewropeja, wara li eżaminat iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, qalet:

*"Consequently, the Court concludes that the length of the applicant's detention (1 July, 1980 – 16 November, 1982) cannot be regarded as unreasonable for the purposes of article 5(3)"; (Vol. 175, para 46);*

Il-kriterju li jippredomina biex jiġi determinat iż-żmien meta l-garanzija ta' *"release pending trial"* għandha tiġi implimentata, huwa r-**raġonevolezza**. Anzi din il-Qorti tippreferi li tuża l-frażi, "ir-raġuni prattika", li għandu juża l-ġudikant, meta jikkunsidra

elementi bħal ma huma dawk li hemm imsemmija f'dik is-sentenza:

(a) "Persistence of reasonable suspicion that the person arrested has committed an offence" basta r-raġunijiet ta' dawk is-suspetti huma *"relevant"* u *"sufficient"* u li l-prosekuzzjoni mexxiet il-kompilazzjoni bi *"special diligence"*, *(ibid* paragrafi 42 u 43);

(b) Ir-riskju li l-arrestat jaħrab (para. 44);

(ċ) Il-komplessità *o meno* tal-każ (para. 41);

(d) Il-piena kkontemplata għar-reati fl-akkuża (para. 41);

u din il-Qorti tista' faċilment iżżid l-element ta' l-inkwinament tal-provi da parti tad-detenut, naturalment, – fil-każijiet kongruwi;

19. għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li l-imsemmi artikolu 575 fih innifsu **b'ebda mod** ma jista' jiġi kkonsiderat leżiv tad-dritt fundamentali garantit mill-Konvenzjoni fl-artikolu 5(3) u anzi hija konvinta illi l-ordinament tagħna, f'dan ir-rigward, huwa wieħed mill-aktar garantisti fost dawk ta' l-Istati kontraenti tal-Konvenzjoni;

20. L-eżerċizzju li għamlet l-ewwel Qorti, *si et quatenus*, ikun rilevanti f'Qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali, li setgħet tidħol biex teżamina l-implikazzjonijiet ta' l-artikolu 575 Kap. 9, imma mhux f'din il-ġurisdizzjoni speċjali li hija intiża biex tissalvagwarda d-drittijiet fundamentali li jipprovdu l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni;

21. L-appellanti Kummissarju tal-Pulizija m'għandux raġun li jinsisti li huwa m'għamel xejn u għalhekk għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju. L-interess tiegħu fil-proċedura huwa pależi. Ir-rikorrent ġiet ppreżentat minnu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u l-kumpilazzjoni tal-provi kontra r-rikorrenti qed titmexxa minnu. Huwa għandu f'idejh l-informazzjoni kollha meħtieġa biex il-Qorti tkun f'posizzjoni li tivvaluta f'liema stadju tal-kumpilazzjoni għandha tingħata l-libertà provviżorja lir-rikorrent;

Għalhekk din l-eċċezzjoni hija miċħuda;

22. Għal dawn ir-raġunijiet, l-appell ta' l-intimat, ħlief għal dak li jirrigwarda l-imsemmija talba għal-liberazzjoni mill-osservanza tal-ġudizzju huwa milqugħ u s-sentenza appellata hija rrevokata billi b'dak li ġara, id-dritt fundamentali tar-rikorrent garantit mill-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem ma ġiex ivvjolat;

Spejjeż taż-żewġ istanzi għar-rikorrent, ħlief għal dawk li jirrigwarda l-imsemmija eċċezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li għandu jbatihom.